MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2014

Numru. 21/2013

**Artikoli 251B (1), 325(1)(a), 338(dd), 339(d), 383, 384, 385 u 412C tal-Kapitolu 9,**

**tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Robert Vella)**

**vs**

**MARK MIZZI**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **MARK MIZZI,** ta' 34 sena iben Carmel u Dolores xebba Vassallo, imwieled gewwa H'Attard fis-16 ta' Novembru, 1978 residenti gewwa fond numru 39, Id-Dwejra, Triq il-Mithna, Mosta u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 546738(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli fl-24 ta' Ottubru, 2012, ghall-habta tas-sitta u nofs ta' filghaxija (18.30hrs), gewwa l-lokalita' tar-Rabat, Malta:

1. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' ghamel hsara fuq **xatba ta' proprjeta' privata** ghad-dannu ta' Carmelo Mangion u/jew ta' persuna jew persuni ohra, liema hsara tiskorri l-elf, mija w erbgha w sittin ewro w disgha w sittin centezmu (€1164.69);
2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmija banda ohra f'dan il-Kodici lil Carmelo Mangion, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

3. U aktar talli bl-imgieba tieghu ikkaguna lil haddiehor jibza' li se tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta' tieghu jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-kwiet u l-buon ordni pubblika b'ghajjat u glied;

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna/i offizi u cioe' Carmelo Mangion u l-familjari tieghu, jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubbliku jew ghall-iskop tal-protezzjoni tal-persuna/i msemmija minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzat skond l-Artikolu 412C tal-Kap 9 u f'kaz ta' htija, il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna/i offizi ai termini tal-Artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom, estratt mill-att tat-twelid tal-imputat li hu mmarkat bhala Dok. RV1, fedina penali li hi mmarkata bhala Dok. RV2 u kunsens tal-Avukat Generali datat 7 ta' Jannar, 2013 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja liema kunsens huwa mmarkat bhala Dok. RV3.

Semghet lix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni u cioe' lil Carmelo Mangion, Stephen Cachia, Dr Anthony Bonnici, PS 404 Paul Camilleri, PS 518 Anthony Degiovanni, PC 1315 Jeffrey Abela, Donald Borg, Matthew Micallef u Nazzareno Azzopardi.

Illi din il-kawza giet moghtija lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet ta' assenjazzjoni mis-Sinjurija Tieghu Prim Imhallef datat 21 ta' April, 2014.

Illi din il-kawza giet appuntata ghall-ewwel darba quddiemha kif preseduta illum 29 ta' Mejju, 2014 u dakinhar l-imputat ma deherx u l-kawza giet differita ghad-19 ta' Gunju 2014.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat fir-rigward tal-ewwel (1) u r-raba' (4) akkuza kif registrata waqt is-seduta tad-dsatax (19) ta' Gunju 2014 u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq biex jekk ried, seta' rega' lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tad-dsatax (19) ta' Gunju 2014.

Rat ukoll illi fis-seduta tad-19 ta' Gunju 2014 deher Carmelo Mangion u ddikjara illi huwa rranga l-kwistjonijiet li kellu mal-imputat u dan peress illi hallsu l-kreditu li kien pendenti u li llum ghalhekk l-imputat m'ghandu l-ebda pretensjoni fil-konfront tieghu u ghalhekk qed jirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat.

Rat illi l-fedina penali tal-imputat hija wahda netta bla ebda tebgha ta' kontravenzjoni jew reat registrat fuqha u ghaldaqstant l-imputat ghandu jigi trattat bhala first time offender.

Il-Qorti ezaminat l-atti tal-kawza u li t-tielet akkuza ma tistax tirrizulta mill-atti peress illi ghall-ezistenza taghha hemm bzonn *a course of conduct* u li l-incident in kwistjoni kien wiehed izolat u cioe' li sehh fl-24 ta' Ottubru 2012.

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi, u cioe' l- Artikoli 251B (1), 325(1)(a), 338(dd), 339(d), 383, 384, 385 u 412C tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tiddikjara li ssib lill-imputat MARK MIZZI hati tal-ewwel (1) u r-raba' (4) akkuza u in vista ta' dak li ddikjara l-kwerelant Carmelo Mangion tiddeciedi li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta' sena mil-lum ai termini tal-Artikolu 22(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. In oltre tiddikjara procediment ezawrit fil-konfront tat-tieni (2) akkuza stante rinunzja da parte ta' Carmelo Mangion u tiddikjara li ma ssibx lill-imputat hati tat-tielet (3) akkuza u tilliberah minnha.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------